**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Lulju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof – l-Awstrija) – UE, HC vs Vorarlberger Landes- und Hypotheken-Bank AG**

**(Kawża C-301/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 650/2012 – Ċertifikat Ewropew ta' suċċessjoni – Validità ta' kopja ċċertifikata taċ-ċertifikat mingħajr data ta' skadenza – Artikolu 65(1) – Artikolu 69 – Effetti taċ-ċertifikat fir-rigward tal-persuni msemmija fih iżda li ma talbux il-ħruġ tiegħu – Artikolu 70(3) – Data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-validità tal-kopja – Effetti tal-kopja fid-dawl tar-regoli dwar il-provi)***

(2021/C 329/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* UE, HC

*Konvenut:* Vorarlberger Landes- und Hypotheken-Bank AG

*fil-preżenza ta':* Succession de VJ

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 70(3) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li kopja ċċertifikata taċ-ċertifikat Ewropew ta' suċċessjoni, li jkollha l-indikazzjoni "żmien indefinit" fuqha, hija valida għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-ħruġ tagħha u tipproduċi l-effetti tagħha, fis-sens tal-Artikolu 69 ta' dan ir-regolament, jekk kienet valida meta ġiet ippreżentata inizjalment quddiem l-awtorità kompetenti.

2) L-Artikolu 65(1) tar-Regolament Nru 650/2012, moqri flimkien mal-Artikolu 69(3) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċertifikat Ewropew ta' suċċessjoni jipproduċi effetti fir-rigward tal-persuni kollha msemmija fih b'isimhom, anki jekk ma jkunux huma stess li talbu l-ħruġ tiegħu.

[1] ĠU C 313, 21.9.2020.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2020 minn Marina Karpeta-Kovalyova mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-15 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża T-249/19, Karpeta-Kovalyova vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-717/20 P)**

(2021/C 329/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Marina Karpeta-Kovalyova (rappreżentant: S. Pappas, avocat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Lulju 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala manifestament infondat u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħha stess.